# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 11**
**Rikors numru 826/05 SM**

**Christopher Gauci**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni li l-intimat Kummissarju ressaq fit-30 ta' Awwissu, 2019, li in forza taghha talab illi l-kawza li giet deciza b'sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2019, fl-ismijiet premessi, tigi ritrattata wara li tigi mhassra s-sentenza a bazi tal-Artikolu 811 ( e ) u (l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dawn l-artikolu jikkontemplaw thassir ta' sentenza jekk ikunu jirrizulta zball ta' fatt jew ta' ligi kif spjegat fl-istess artikoli.

Qabel ma jigi trattat dan ir-rikors, din il-Qorti sejra tipproduci s-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019, li fiha hemm migbura t-talbiet originali tal-attur Christopher Gauci, l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju, is-sentenza tal-ewwel Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti li wassluha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata:

> "Rat ir-rikors datat 9 ta' Settembru, 2005, li pprezenta r-rikorrent u li jaqra hekk:
>
> > "Peress illi permezz ta' ittra datata 11 ta' Marzu 2005, notifikata lill-attur fil-15 ta' Marzu 2005, is-Sur Charles A. Caruana ghan-nom ta' l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud informa lill-attur illi mir-rekordstad-dipartiment tal-VAT jidher li sal-lum il-kumpanja Price Club Operators Ltd., li taghha l-attur huwa wiehed mid-diretturi, ghandha taghti l-bilanc ta' Lm326,154 rapprezentanti stimi ta' taxxa, multi amministrattivi u interessi; u konsegwentement, bis-sahha tas-subartiklu 2 ta' l-artiklu 59 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXII ta' l-1998) interpella lill-esponent sabiex ihallas dan il-bilanc ta' Lm326,154 mill-aktar fis possibbli, izda mhux aktar tard minn tletin jum; liema interpellazzjoni giet segwita permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005;
> >
> > "Premess illi l-esponent qatt ma gie kkonsultat jew innotifikat bil-pretensjonijiet dedotti mill-konvenut Kummissarju kontra l-kumpannija Price Club Operators Ltd, u fil-fatt huwa sar jaf bl-istimi mahruga kontra l-istess socjeta` biss wara illi rcieva l-ittra tal-11 ta' Marzu, u wara li l-konsulent tieghu sottoskritt talab informazzjoni minghand l-istralcjarju tas-socjeta`, Dr Andrew Borg Cardona;
> >
> > "Premess illi permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Awissu 2005, ghall-finijiet ta' l-artikolu 460(1) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, l-attur informal ill-konvenut:
> >
> > "i. ILLI l-ittra ufficjali ntavolata fit-13 ta' April 2005 kienet nulla in invalida fil-ligi in kwantu ndirizzata fil-konfront tieghu bhala rapprezentant ta' Price Club Operstors Ltd, billi s-socjeta` msemmija hija soggetta ghal ordni ta' stralc, u kwindi r-rapprezentanza taghha hija prezentement vestita fl-istralcjarju taghha, l-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona;
> >
> > "ii. ILLI l-esponent qatt ma gie kkonsultat jew innotifikat bil-pretensjonijiet dedotti kontra l-kumpannija Price Club Operators Ltd, u fil-fatt huwa sar jaf bl-istimi mahruga kontra l-istess socjeta` biss wara li rcieva l-ittra tal-11 ta' Marzu, u wara li l-konsulent tieghu sottoskritt talab informazzjoni minghand l-istralcjarju tas-socjeta`, Dr Andrew Borg Cardona;
> >
> > "iii. ILLI dan ifisser li l-esponent gie mcahhad minn smigh xieraq sija ghal dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet dedotti kontra Price Club Operators Ltd

u sija rigward l-ezami li jrid isir tar-responsabilitajiet personali tieghu fil-konfront tas-socjeta` u ta' l-intimat bhala Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ai termini ta' l-artikolu 66(5) tal-Kap.406;

"u ghaldaqstant interpella lill-konvenut sabiex jirtira l-interpellazzjoni maghmula ai termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 59 tal-Kap.406 u kontenuta fl-ittra msemmija tal-11 ta' Marzu 2005 u fl-ittra ufficjali tat-13 ta' April 2005;

"Premess illi l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex mghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportune:

"1. Tiddikjara nulli, invalidi u minghajr effett fil-ligi, inkostituzzjonali u *ultra vires*, ai termini ta' l-artikolu 469A(1)(a) u (b)(i), (ii), (iii) u (iv) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, id-decizjoni tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jzomm lill-attur responsabbli ghall-ammont kollha dovuti lilu mis-socjeta` Price Club Operators Limited u l-interpellazzjonijiet maghmula mill-konvenut fil-11 ta' Marzu u fit-13 ta' April 2005; u

"2. Taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq u opportune ai termini ta' l-artikolu 369A, Kap. 12 Ligijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Awissu 2005, bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa in subizzjoni".

"Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi t-talba attrici biex id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex id-*demand notice* mahruga minnu fil-11 ta' Marzu 2005, kif ukoll l-ittra ufficjali tat-13 ta' April 2005 jigi ddikjarati nulli u invalidi fil-konfront ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-*demand notice* u l-ittra ufficjali fuq imsemmija huma konformi mal-ligi u ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi michuda;

"2. Illi kwantu ghall-allegazzjoni illi l-attur qatt ma gie kkunsultat jew innotifikat bil-pretensjonijiet dedotti kontra l-kumpannija Price Club Operators Ltd u li sar jaf bihom biss wara li rceva l-ittra tal-11 ta' Marzu 2005 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda ukoll ghar-ragunijiet segwenti:

"(i) L-attur, fiz-zmien meta saret dovuta lill-esponent it-taxxa in kwistjoni kien Direttur tas-socjeta` Price Club Operators Limited u bhala tali kien ex lege rapprezentant ta' l-istess socjeta` ai termini ta' l-Artikolu 66(1) tal-Kap 406.

"(ii) Bhala rapprezentant tas-socjeta` Price Club Operators Limited l-attur kien responsabbli ugwalment mas-socjeta` ghat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet kollha imposti bil-Kap 406 fuq dik is-socjeta` u dan fit-termini ta' l-Artikolu 66(3)(a) tal-Kap 406;

"(iii) Illi l-obbligi ta' l0attur naxxenti mir-rapprezentanza surreferita jirrisalu ghal ferm qabel ma s-socjeta` Price Club Operators Limited ghaddiet in istralc u kwindi minn dan isegwi illi l-obbligi solidali skond il-ligi ma' l-istess socjeta` u diretturi ohra ghadhom sal-lum in vigore;

"(iv) Illi l-attur qabel ma s-socjeta` ghaddiet in istralc qatt ma ghamel xi dikjarazzjoni formali biex jezimi ruhu mir-responsabbilita` tieghu qua direttur ghall-mod kif kien qieghed jigi gestit l-operat tas-socjeta` fuq imsemmija kif titlob il-ligi tal-kumpanniji u kwindi l-obbligi legali u r-responsabbilita` legali tieghu ghall-hlas tat-taxxa u imghax u penalitajiet dovuti lill-eccipjenti hija valida u ergo d-*demand notice* u l-ittra ufficjali de quo mhumiex impunjabbli bl-azzjoni odjerna;

"(v) Illi rrizulta fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kopja KV-1) illi l-prospetti mibghuta mis-socjeta` li taghha l-attur kien rapprezentant kienu juru figuri foloz u li fl-istess socjeta` kien hemm irregolaritajiet rampanti u ghaldaqstant it-taxxa fuq il-Valur Mizjud ma thallsitx kif dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dan tant illi l-Bord ta' l-Appelli fuq it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkonkluda esplicitament 'illi n-nuqqasijiet fil-management u fil-mod kif kienu jinzammu l-kotba kif xehed l-appellant ma jistghux jigu ammessi bhala skuza ragjonevoli kontra l-istima tad-Dipartiment';7

"(vi) Illi kien l-attur innifsu li ffirma d-dokumenti relatati ma' l-appell fuq imsemmi mill-istima originali ta' l-esponenti fl-ammont ta' Lm 149,798.99 iddatati l-1 ta' Marzu 2002 u certament ma jistax jippretendi llum li huwa qatt ma gie kkonsultat jew innotifikat bil-pretensjonijiet dedotti kontra Price Club Operators Ltd in adempjenza ta' l-obbligi tieghu taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stante li l-fatt bl-aktar mod palezi juri mod iehor;

"(vii) Illi bhala rapprezentant ex lege tas-socjeta` fuq imsemmija l-attur ma jistax jiddistakka ruhu mill-konkluzjonijiet dwar l-irregolaritjiet li graw fl-istess socjeta` u li rrizultaw b'mod konvincenti lill-Bord tal-Appelli billi jgib bhala raguni n-nuqqas ta' partecipazzjoni personali tieghu f'dawk il-proceduri. Illi l-fatt illi l-attur ma kienx personalment parti fl-imsemmija proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli ma jwaqqax il-konkluzjonijiet raggunti mill-Bord dwar is-socjeta` li ghall-agir taghha l-attur huwa responsabbli solidarjament skond l-Artikolu 66(3)(a) fuq imsemmi u liema konkluzjonijiet il-Bord kellu kull gurisdizzjoni li jasal ghalihom wara li gharbel il-provi mressqa mill-partijiet.

"(viii) Illi skond l-imsemmija decizjoni l-Bord sab nuqqasijiet fil-management u fil-mod kif kienu jinzammu l-kotba mis-socjeta` appellant u ma setghux jigu ammessi bhal skuza ragjonevoli. Il-fatt li din naqset ukoll milli tiskarika l-onoru tal-prova li jinkombi fuqha bil-ligi u li tipprova illi l-istima tad-Dipartiment ma kinitx korretta kienu fatturi determinant biex l-appell jigi michud;

"(ix) Illi ghalhekk isegwi li l-attur ma jistax issa jallega li gie mcahhad minn smigh xieraq u jippretendi illi jezonara ruhu abbazi ta' allegata buona fede u ghaldaqstant huwa ma jgawdix mill-protezzjoni offerta lil min jagixxi in buona fede skond l-Art 66(5) tal-Kap406)".

"Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru, 2017, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li gej:

"26.1 Tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju konvenut;

"26.2. Takkolji t-talbiet kollha tal-attur;

"26.3. Tiddikjara ghalhekk nulla, invalida u minghajr effett id-decizjoni tal-konvenut li jzomm lill-attur responsabbli ghall-ammonti kollha lilu dovuti, mis-socjeta` *Price Club Operators Limited* u l-interpellazzjonijiet datati l-11 ta' Marzu u 13 t'April, 2005;

"26.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-Kummissarju konvenut".

"Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"11.0. Illi l-fatti li taw bidu ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"11.1. Illi l-attur kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta` *Price Club Operators Limtied*, (ara foll 3);

"11.2. Illi minn investigazzjonijiet kondotti mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrizulta li nstabu diversi nuqqasijiet fid-dikjarazzjonijiet tal-*V.A.T.* tas-socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 12);

"11.3. Illi l-konvenut kien baghat *demand notice* lill-attur datata l-11 ta' Marzu, 2005, li permezz taghha kien informah li s-socjeta` fuq imsemmija li taghha kien direttur, kellha taghti ammont kospikwu lill-istess Dipartiment, fi stimi ta' taxxa, multi amministrattivi u interessi, (ara foll 1 *a tergo* u 10);

"11.4. Illi jirrizulta li din l-istima kif kontenuta fl-imsemmija*demand notice* intbaghtet lis-socjeta` *de quo* u mhux lill-attur;

"11.5. Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta` in dizamina kienet intavolat appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kien deciz kontra s-socjeta` appellanti fit-22 ta' Gunju, 2004, (ara foll 21 *et seq.*);

"11.6. Illi sussegwentement, l-istess socjeta` ghaddiet in stralc, (ara foll 564);

"11.7. Illi l-attu isosstni li *ai termini* tal-artiklu 460 (1) tal-Kap 12, (minn issa 'l quddiem Kap 12), hu baghat ittra ufficjali datata l-11 t'Awwissu, 2005, li permezz taghha irribatta l-allegazzjonijiet u talbiet tal-istess Dipartiment, (ara foll 3), u sosstna:

"11.7.1. Illi l-ittra ufficjali lilhu mibghuta mid-Dipartiment *de quo* hi nulla kwantu mibghuta lilu in rapprezentanza tas-socjeta` in dizamina meta l-istess socjeta` kienet fi stat ta' stralc;

"11.7.2. Illi ghalhekk ir-rapprezentanza tal-istess socjeta` hi vestita fl-istralcjarju debitament appuntat;

"11.7.3. Illi qatt ma kien notifikat bil-pretensjonijiet dedotti kontra s-socjeta' *de quo*;

"11.7.4. Illi ghalhekk isosstni li kien imcahhad mid-dritt tieghu ghal smigh xieraq, (ara foll 2);

"11.8. Illi l-vertenza in dizamina inizjata mill-attur odjern kienet:

"11.8.1. Deciza *in prim'istanza* permezz ta' sentenza tal-*Prim'Awla tal-Qorti Civili* datata d-*29 t'Ottubru, 2009*, (ara foll 60 *et seq.*); u

"11.8.2. Deciza in appell, u ghaddiet ghalhekk in gudikat permezz ta' sentenza datata s-26 t'April, 2013, ara foll 412);

"11.8.3. Illi b'sentenza ulterjuri datata z-17 ta' Marzu, 2015, l-istess Qorti tal-Appell diversament preseduta irrespingiet it-talba tal-Kummissarju konvenut ghal ritrattazzjoni tas-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;

"11.8.4. Illi konsegwenza tal-istess is-sentenza datata s-26 t'April, 2013, fuq indikata ghaddiet in gudikat u ghalhekk hi wahda finali;

"Ikkunsidrat:

"12. Illi permezz tal-procedura odjerna l-attur qed jitlob li d-decizjoni tal-konvenut li jzommu responsabbli ghall-ammont lilu dovut mis-socjeta` in dizamina fuq riferita inkluzi taxxa, multi amministrattivi u interessi, hi wahda nulla u minghajr effett;

"13. Illi daparti tieghu il-konvenut isosstni li d-*demand notice* datata l-11 ta' Marzu, 2005, u l-ittra ufficjali datata t-13 t'April, 2005, huma konformi mal-ligi, u konsegwentement, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

"Ikkunsidrat:

"14. Illi jirrizulta assodat li meta t-taxxa in kwistjoni saret dovuta lill-konvenut, l-attur kien direttur tas-socjeta` in dizamina;

"15. Illi konsegwenza tal-istess, l-attur kien allura rapprezentant tal-istess socjeta` *ai termini* tal-Kap 406 u kien ukoll responsabbli ghat-twettieq tal-obbligi kollha imposti mill-ligi;

"16. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li dawn l-obbligi tal-attur jirrisalu ghal perjodu ferm qabel mal-istess socjeta` ghaddiet in stralc;

"Ikkunsidrat:

"17. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-*Qorti tal-Appell* fl-ismijiet *Victor Zammit vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et* li fiha irriteniet is-segwenti:

> "L-attur huwa responsabbli ghat-taxxa mhux bis-sahha tal-artiklu 59 izda bis-sahha tal-artiklu 66(5), li jghid illi "rapprezentant ikollu responsabbilita` solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna..." "It-taxxa, multi u mghaxijiet mitluba mill-Kummissarju huma relattivi ghal zmien meta s-socjeta` kienet ghadha tinnegozja u qabel ma dahlet fi stralc, meta, ghalhekk, l-attur kien ghadu "rapprezentant" taghha. F'dak il-waqt, ghalhekk, l-attur kien persuna li minghandha "kull taxxa u penali amministrattiva ... ghandha tithallas": kien ghalhekk personalment u *in solidum* mas-socjeta` debitur tal-Kummissarju, u baqa' hekk debitur, u persuna li kontra taghha setghet tinhareg in-nota ta' talba ghall-hlas, ukoll wara li spicca minn rapprezentant tas-socjeta`. Kien ghalhekk illi n-nota ntbaghtet lill-attur personalment, u mhux bhala rapprezentant tas-socjeta`, ghax il-hlas intalab minghandu personalment u mhux f'isem is-socjeta`";

"18. Illi in vista tas-suespost jigi stabbilit li l-attur hu allura responsabbli ghal kull taxxa, penali amministrattiva, multa u imghax dovuta lill-konvenut mis-socjeta` in dizamina il-*Price Club Operators Limited*;

"Ikkunsidrat:

"19. Illi fir-rigward tal-premessa tal-attur kif kontenuta fic-citazzjoni promotrici tieghu fejn jallega li kien imcahhad minn smigh xieraq terga ssir referenza ghas-sentenza *Zammit vs. Kummissarju ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et* indikata aktar qabel fejn intqal is-segwenti:

> "Stima tat-taxxa dovuta mahruga mill-Kummissarju ma hijiex l-ahhar kelma, u l-ligi stess taghti jedd ta' appell minn dik l-istima quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, taht l-artiklu 43 tal-Kap 406, u jedd iehor ta' appell fuq punt ta' ligi mid-decizjoni tal-bord quddiem din il-qorti taht l-artiklu 47. Il-para. 4(d) tad-Disa` Skeda tal-Kap. 406 ighid illi appell quddiem il-bord isir "fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-avviz li kontrih isir l-appell" waqt illi l-artiklu 47 tal-Kap 406 irid illi appell mid-decizjoni tal-bord quddiem din il-qorti jsir "fi zmien tletin jum mid-data li fiha d-decizjoni appellata tigi notifikata" lill-persuna li trid tappella. Sakemm ma jkunx inqata' l-appell, jew sakemm ma jkunx ghadda z-zmien ghall-appell, kif sewwa jghid il-Kummissarju stess fil-paragrafu 3 tat-twegiba tieghu, "il-Kummissarju kien fl- impossibbilita` illi johrog *demand notice*;
>
> "Fil-kaz tallum l-istima tat-taxxa u l-avviz relativ gew notifikati lis-socjeta` izda mhux lill-attur personalment. Ghalhekk, ghadu ma bediex ighaddi kontra l-attur iz-zmien ghall-appell u ghadu ma nghatax il-fakolta` li jikkontesta l-istima. L-argument tal-konvenuti appellati illi l-attur, flimkien mad-diretturi l-ohra, jahti ghax ma ikkomunikax mal-istralcjarju ma huwiex argument tajjeb ghax, ghalkemm l-attur, bhad-diretturi l-ohra, certament kellu dmir illi jikkomunika mal-istralcjarju, n-nuqqas tieghu ma jaghmilx tajjeb ghan-nuqqas ta' notifika tal-istima";

"Ikkunsidrat:

"20. Illi minn ezami tal-atti tal-procedura odjerna ma jirrizultax li l-istima tat-taxxa rikjesta mill-Kummissarju konvenut kienet intbghatet lill-attur f'ismu;

> “21. Illi bil-maqlub li jirrizulta ipprovat, anzi ikkonfermat anke mill-Kummissarju konvenut, hu li l-istima in kwistjoni intbghatet f’isem is-socjeta` “*Price Club Operators Limited*”, (ara foll 10);
>
> “22. Illi fin-nuqqas li jkun hekk notifikat bl-istima *de quo* mill-Kummissarju konvenut, l-attur ma kienx f’posizzjoni li jezercita l-jedd tieghu li jappella minn dik l-istima quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
>
> “23. Illi *di piu`*, jinghad ukoll li ghal din ir-raguni, d-*demand notice* li sussegwentement inharget mill-Kummissarju konvenut, din id-darba f’isem l-attur personalment, mhix wahda valida;
>
> “24. Illi jigi sottolineat li l-istima in dizamina kienet giet notifikata biss lis-socjeta` “*Price Club Operators Limited*” u fil-fatt kienet din is-socjeta` biss li appellat quddiem il-Bord tal-Appelli in kwistjoni, (ara foll 21 u 40);
>
> “25. Illi ghalhekk, *in linea* ma dak deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza sucitata, (ara paragrafu numru dsatax, (19.), aktar qabel), l-attur Gauci ma inghatax il-fakolta` li jezamina u jikkontesta l-istima, u b’hekk, id-*demand notice* li inharget f’ismu wara li l-istima kienet inharget f’isem is-socjeta` *Price Club Operators Limited* kienet wahda invalida;”.

“Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> “tilqa’ dan l-appell, u tirriforma u tbiddel is-sentenza appellate tas-7 ta’ Novembru 2017 billi, thassar u tirrevoka l-istess sentenza billi tichad it-talbiet tal-appellat filwaqt illi joghgobha tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat”.

“Rat ir-risposta tar-rikorrenti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Ikkonsidrat;

“Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazzjoni fis-sens illi t-titolu ezekuttiv li jippretendi li jgawdi kontra tieghu l-intimat ma jiswiex peress illi hu qatt ma gie notifikat bid-*demand notice* mehtiega mil-ligi qabel il-ftuh tal-proceduri ghall-otteniment ta’ titolu ezekuttiv. Fil-fatt, tali avviz gie notifikat lis-socjeta` Price Club Operators Limited li taghha l-attur kien direttur, izda ma saretx notifika lill-attur personalment. L-ewwel Qorti, wara riferenzi li saru ghall-gurisprudenza ta’ din il-Qorti, accettat it-tezi tal-attur u ddikjarat nulla decizjoni tal-intimat li jzomm lill-attur personalment responsabbli ghall-hlas ta’ taxxa dovuta mill-imsemmija socjeta`.

"L-intimat appella mis-sentenza u jsostni li l-ligi ma tirrikjedix li d-direttur jigi personalment notifikat bl-avviz ghall-hlas, u li, f'kull kaz id-direttur personalment kien jaf bit-talba, tant li s-socjeta` tieghu kienet resqet appell quddiem il-Board kompetenti, li kien cahad l-istess appell.

"Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva li l-punt kontestat gie diversi drabi deciz minn din il-Qorti. Mhux ikkontestat li d-diretturi tal-kumpanija huma personalment responsabbli ghall-hlas tad-djun taghha, pero`, gie deciz li biex tiskata dik ir-responsabbilita`, jehtieg qabel xejn li huma jigu notifikati personalment bit-talba li tkun tressqet kontra l-kumpanija. Apparti l-kazijiet li irriferiet ghalihom l-ewwel Qorti, din il-Qorti f'sentenza ricenti abbracjat din it-tezi, u ma qablitx mal-argument tal-intimat li ma hux mehtieg li d-direttur jigi wkoll notifikat. Fis-sentenza Fenech noe v. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2018, intqal hekk fir-rigward:

> "*Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u hawn tagħmel referenza għas-sentenza li tat (din il-Qorti) fit-28 ta' Settembru, 2012 fil-kawża fl-ismijiet "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud v. Fenech". Qed tiġi riprodotta parti sostanzjanli ta' din is-sentenza peress li l-argumenti tal-partijiet f'dik il-kawża jixbhu lill dawk imressqa f'din.*
>
> > "*9. Ir-Rikorrent igħid illi qatt ma ġie notifikat bin-nota ta' talba għall-ħlas, u għalhekk il-Kummissarju ma setax ikompli għaddej bil-pass li jmiss, i.e. talba b'att ġudizzjarju u l-ħruġ ta' mandat eżekuttivi. Il-Kummissarju jgħid illi huwa biżżejjed illi n-nota ta' talba għall-ħlas tkun notifikata lill-persuna reġistrata mad-dipartiment bħala persuna taxxabbli għax il-liġi tiddistingwi bejn "persuna", li hija l-persuna taxxabbli, fil-każ tallum is-Soċjeta`, u "rappreżentant" u trid illi n-notifika ssir lill-"persuna" u mhux lir-"rappreżentant".*
> >
> > "*10. Il-Kummissarju jgħid ukoll illi "li kieku l-leġislatur ried illi n-nota ta' talba għall-ħlas tiġi notifikata wkoll lir-rappreżentanti tal-persuna reġistrata bħala taxpayer, il-liġi kienet tispeċifika dan b'mod ċar". Il-punt iżda ma huwiex jekk in-nota għandhiex tiġi notifikata lir-rappreżentanti tal-persuna taxxabbli, iżda jekk għandhiex tiġi notifikata lil dik il-persuna li mingħandha l-Kummissarju jrid jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandat esekuttivi.*
> >
> > "*11. L-istess meta l-Kummissarju jgħid illi "l-Kap. 406 ma jikkontemplax illi l-Kummissarju għandu jikseb titolu eżekuttiv fil-konfront ta' kull rappreżentant ta' persuna". Il-punt ma hux jekk il-Kummissarju għandux jikseb titolu eżekuttiv kontra kull rappreżentant ta' persuna taxxabbli, iżda jekk jistax jikseb il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra dawk il-persuni biss li dwarhom ikun għamel il-proċedura meħtieġa biex jikseb titolu eżekuttiv, inter alia bin-notifika ta' nota ta' talba għall-ħlas.*
> >
> > "*12. Fil-fehma tal-qorti, ir-rabta tal-kliem tal-art. 59(2) ma jagħtix raġun lill-Kummissarju. Dak is-sub-artikolu jgħid illi l-Kummissarju jista' jiġbor il-ħlas "wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas" li ssir b'att ġudizzjarju. "Dik il-persuna" hija ovvjament referenza għall-"persuna" li tissemma' aktar 'il fuq fl-istess subartikolu, viż. (i) il-persuna li għandha tħallas it-taxxa u l-penali amministrattiva – li ma hijiex biss il-persuna reġistrata iżda wkoll ir-rappreżentanti tagħha għax dawn ukoll "għandhom iħallsu" t-taxxa u l-penali – u (ii) dik il-persuna li ma tkunx ħallset "fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna". Fil-każ tallum jista' jkun li r-Rikorrent huwa persuna li*

*għandha tħallas it-taxxa iżda ma huwiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas; għalhekk, sakemm ma ssirx dik in-notifika lir-Rikorrent u sakemm ma jgħaddix iż-żmien li trid il-liġi wara dik in-notifika, ir-Rikorrent ma huwiex persuna li kontra tagħha l-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor il-ħlas bil-Ħruġ ta' mandati esekuttivi.*

"*13. Tajjeb li jingħad ukoll illi mkien fl-art. 73 tal-Kap. 406, dwar notifika ta' avviżi, ma jingħad illi notifika lill-persuna taxxabbli titqies ukoll bħala notifika lir-rappreżentanti għall-għanijiet tal-art. 59. Ukoll, fl-art. 2 dwar tifsira tal-kliem ma jingħadx illi "persuna" tfisser biss "persuna taxxabbli"; anzi, hemm tifsiriet differenti għal "persuna" u għal "persuna taxxabbli". Għalhekk meta fl-art. 59(2) tissemma' "notifika lil dik il-persuna" ir-referenza ma hijiex biss għall-persuna taxxabbli".*

"*Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel li għalkemm ir-rikorrent huwa pesuna li jista' jkun li għandha tħallas it-taxxa, iżda ma huwiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas*".

"Din hi l-pozizzjoni li qed tiehu din il-Qorti f'kazijiet simili, u allura l-ittra ufficjali tat-13 ta' April, 2005, li hi l-pern tal-meritu ta' din il-kawza, ma tiswiex fil-konfront ta' Christopher Gauci, u ghandu jitqies li ma holqot ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu.

"Il-kwistjoni mhux direttament marbuta mas-solidarjeta`, li hi ammessa, izda mal-fatt li l-ligi in kwistjoni trid notifika lil dik il-persuna taxxabli biex ikun jista' jinghad li jkun hareg titolu ezekuttiv fil-konfront taghha. Biex jista' jigbor il-hlas minghand il-"persuna" responsabbli ghall-hlas, il-Kummissarju konvenut irid jinnotifika lil dik il-"persuna" bit-talba ghall-hlas. Dan ma sarx lill-attur personalment.

"Il-fatt li r-rikorrenti seta' kien jaf bil-hrug tad-*demand notice* mhux rilevanti ghall-materja, ghax il-ligi trid li hu jkun notifikat bl-istess, peress illi mid-data tan-notifika jiskata t-terminu ghalih li jressaq id-debitu appell. Ir-rikorrent ma kienx f'pozizzjoni tajba biex jezercita d-dritt ta' appell mill-istima tal-intimat, peress illi hu personalment ma giex avzat li kontra tieghu sejjer jintalab titolu ezekuttiv.

"Din il-Qorti tara wkoll li ma hux mehtieg li din il-Qorti tinvestiga l-effett tar-rizenja tar-rikorrent minn direttur u jekk jibqax, nonostante dan, responsabbli ghall-hlas tat-taxxa ghaz-zmien li kien direttur. Darba jirrizulta li l-ittra ufficjali in kwistjoni ma tiswiex fil-konfront tar-rikorrent, il-konsegwenza hi li, fl-istat attwali tal-affarijiet, ma jezisti ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu u m'ghandu ghalfejn jirrispondi ghal xejn.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-Kummissarju intimat".

Kif inghad, ir-ritrattand Kummissarju issa qed jitlob li din is-sentenza tithassar u l-kawza mismugha mill-gdid minn dil-Qorti. Qed jigi allegat illi sar zball ta' fatt peress illi, kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza ritrattata, l-attur Christopher Gauci personalment gie servut b'*demand notice* li nharget fuq ismu personali. Jinghad wkoll li hemm zball ta' ligi ghax ma saretx distinzjoni bejn il-fazi tal-*assessment* u l-fazi tal-gbir kif provdut fil-ligi.

Trattat l-ewwel materja, dik marbuta mal-allegat zball ta' fatt, ghandu jinghad li skont il-ligi jkun hemm dan l-izball meta l-fatt allegatament zbaljat ma jkunx punt ikkontestat u deciz bis-sentenza. Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru, 2017 kienet osservat b'mod car li fil-waqt li kienet intbaghtet *demand notice* lis-socjeta` Price Club Operators Limited, tali avviz ma ntbaghtetx lill-attur. Il-konvenut Kummissarju appella mis-sentenza u kkontesta dan il-punt. Din il-Qorti, pero`, ikkonfermat li dan l-avviz ma inharigx fuq l-attur personalment. Kwindi, il-"fatt" li mieghu l-Kummissarju qed jorbot l-aggravju tieghu kien punt ikkontestat u deciz minn din il-Qorti u ma jistax jaghti lok ghar-ritrattazzjoni.

Jista' jinghad wkoll li fil-kawza ma saretx prova li nhareg avviz fuq isem l-attur. Il-Kummissarju jibbaza ruhu fuq xhieda tal-Manager fil-Collection Section fi hdan id-dipartiment tat-taxxi interni li jghid li l-attur gie notifikat

bid-*demand notice* li inharget fuq il-kumpanija. Dan jista' hu minnu, pero`, ma jirrizultax li nharget *demand notice* fejn l-attur personalment gie mitlub ihallas. L-attur, bhala direttur tas-socjeta` Price Club, jammetti li s-socjeta` minnu rapprezentata kienet irceviet t-talba ghall-hlas, tant li kkontesta l-ammont quddiem il-Bord tal-Appell tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fil-fatt, b'ittra tal-1 ta' Marzu, 2002 li biha ressaq l-intenzjoni tieghu li jappella jghid li "*the above mentioned company was served with an assessment..*". Ma jsemmix li hu personalment gie mitlub li jhallas dik is-somma. Il-Kummissarju ritrattand seta', kieku ried, jesebixxi (fi zmien propizju tal-kawza u fl-atti tal-kawza issa ritrattata) kopja tal-*assessment* u tal-avviz tal-hlas li jghid li baghat lill-attur personalment, izda dan ma ghamlux. Il-ligi stess tinsisti fuq l-ahjar prova u, f'dan il-kaz, din kienet tkun id-*demand notice* mahruga fuq isem l-attur. Il-fatt li l-attur Christopher Gauci seta' kien jaf bis-somma mitluba mill-kumpanija, ma jfissirx li hu gie notifikat personalment biex ihallas, u kwindi d-decizjoni li hadet din il-Qorti fi-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju, 2019, kienet wahda, korretta.

Dwar it-tieni lanjanza, din se mai tolqot l-interpretazzjoni li tat il-Qorti lill-artikoli rilevanti tal-ligi, u meta jkun hekk l-Artikolu 811( e ) espressament jghid li ma hemmx lok ta' ritrattazzjoni. Fil-fatt, din il-Qorti taqbel li hemm differenza bejn il-fazi tal-*assessment* u l-fazi tal-gbir tat-taxxa. Dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza ritrattata kien li, fil-fazi tal-gbir, jekk il-

Kummissarju ritrattand ikun irid jipprocedi ghall-hlas kontra direttur personalment ta' kumpanija, irid johrog *demand notice* fuq isem dan id-direttur, biex dan tal-ahhar ikun jaf li qed jigi mfittex ghall-hlas. Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti fil-kaz imsemmi fis-sentenza ritrattata (**Fenech noe v. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**) u f'diversi decizjonijiet ohra fuq l-istess punt.

Isegwi, allura, li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2019.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghat-thassir tas-sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tichad l-istess, u tichad ukoll il-konsegwenzjali talba ghar-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza.

L-ispejjez marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu mir-ritrattand Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb